# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Frar, 2019

**Rikors Numru : 473/2018 JPG**

**Kawza Numru : 24**

**KB**

**Vs**

**SB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' KB, datat 24 ta' Ottubru 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti izzewweg lill-intimata fil-5 ta' Lulju 1992 –* ***dok A*** *huwa ic-certifikat taz-zwieg; minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel – AJB (illum maggorenni)* ***dok B*** *huwa c-certifikat tat-twelid;*

2. *Illi iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tant li l-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Antoine Agius datat 21 ta' Frar, 1994; -* ***dok C.***

3. *Illi intant il-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn hames snin; fil-fatt ilhom separati permezz ta' kuntratt ghal perjodu ta' Erbgha u ghoxrin (24) sena;*

4. *Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.*

5. *Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u ma hemm ebda manteniment dovut ghat-tifel.*

6. *Illi l-attur jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jitlob u jottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha:*

1. *Previa kull dikjarazzjoni lit kun necessarja tiddikjara u tordna li iz-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fil-hamsa (5) ta' Lulju elf disa mija u tnejn u disghin (1992) jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artiklu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata hija notifikata skond il-ligi izda baqghet kontumaci. (Vide fol 16)

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Dicembru, 2018 li permezz tieghu akkordat ghaxart ijiem sabiex l-intimata tipprezenta is-sottomissjonijiet taghha ai termini tal-Artikolu 158 (10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimata baqghet inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar il-5 ta' Lulju 1992, f'Birzebbugia (Vide Dok A, a fol 3) u illi minn dan iz-zwieg huma kellhom wild wiehed, illum maggorenni;

Jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) sena, legalment isseparaw b'kuntratt datat 21 ta' Frar 1994 in atti tan-Nutar Antoine Agius. (Vide Dok C,a fol 5 et seqq.);

**KB** xehed permezz t'affidavit a fol 8 illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Lulju 1992 u kien ottjenew separazzjoni legali fil-21 ta' Frar 1994 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed, li llum il-gurnata huwa maggiorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal madwar erbgha u ghoxrin sena, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata, hija baqghet kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***

> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.„*
> *Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;*"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat:**

L-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:

> ***66A.** (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.*
> *[...]*
>
> ***66B.** * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> *(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
>
> *(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
>
> *(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment*

> ***adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***[...]***

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal madwar erbgha u ghoxrin sena.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat ukoll illi ma jirrizultaw ebda eccezzjoniijiet illi din il-Qorti tista' tqajjem ex officio fil-kontumacja tal-intimata.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**